B'referenza għall-offerta li ġejja, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin sad-data indikata hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti fl-uffiċċju tal-Malta Enterprise, Telgħa ta' Ġwardamanġa, Tal-Pietà MEC 0001, Malta:-

Sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, it-23 ta' Jannar, 2014, għal:-

Kwot. Nru. ME/CFQ/IT/01-12/13. Provvediment ta' *laptop* u *desktop computers* ghall-Malta Enterprise.

M'hemmx ħlas għal-parteċipazzjoni għal din is-sejħa ghall-kwotazzjonijiet. Kull applikazzjoni tkun proċessata b'mod kunfidenzjali.

Dan id-dokument jista' jinkiseb mill-paġna tal-offerti mis-sit ta' Malta Enterprise: (http://www.maltaenterprise.com/en/tenders). Aktar dettalji dwar dan l-avviż jistgħu jinkisbu mill-*Procurement Section* tal-Malta Enterprise billi tintbagħat *email* fuq: (tenders@maltaenterprise.com).

10th January, 2014

MALTA ENTERPRISE

The Executive Chairman, Malta Enterprise, notifies that:

Sealed quotations in respect of the following notice will be received on the date indicated below. The quotations are to be deposited in the tender box at the offices of Malta Enterprise at Gwardamangia Hill, Tal-Pietà, MEC 0001, Malta:-

Up to 10.00 a.m. of Thursday, 23rd January, 2014 for:-

Quot. No. ME/CFQ/IT/01-12/13. Provision of laptop and desktop computers for Malta Enterprise.

Participation for this call for quotations is free of charge. All applications will be treated in strict confidence.

The above call for quotation may be viewed/downloaded from the tenders page of the Malta Enterprise website: (http://www.maltaenterprise.com/en/tenders). Any clarifications required should be addressed to the Procurement Section of Malta Enterprise by sending an email to: (tenders@maltaenterprise.com).

L-10 ta' Jannar, 2014

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tgħarraf illi:

Sa nofsinhar tal-Ġimgħa, il-31 ta' Jannar, 2014, jintlaqgħu formoli tal-applikazzjoni rigward:

Espressjoni ta' interess: sejħa għl imsieħba fil-Proġett tal-ESF 'Networked: ICT Competences for Better Employability and Workforce Adaptability'.

Entitajiet magħżula permezz ta' din is-sejħa jiġu ingaġġati biex jagħtu taħriġ bażiku ta' ICT lill-adulti Maltin, bi sħab mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.

Kopja ta' din l-espressjoni ta' interess tista' tinkiseb mill-uffiċċji tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, 'Valletta Waterfront', Ix-Xatt ta' Pinto, Il-Furjana, jew titniżżel mill-*website* tal-MCA fuq: (www.mca.org.mt).

Għal aktar tagħrif organizzazzjonijiet interessati huma mitluba jikkuntattjaw lill-*Project Awareness and Training Coordinator* bl-*email* fuq: (irene.dillon@mca.org.mt).

L-10 ta' Jannar, 2014

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

The Malta Communications Authority notifies that:

Application forms will be received up to noon of Friday, 31st January, 2014 regarding:

Expression of Interest: call for partners in the ESF Project 'Networked: ICT Competences for Better Employability and Workforce Adaptability'.

Entities selected through this call will be engaged to deliver basic ICT Training Courses to Maltese adults, in partnership with the Malta Communications Authority.

A copy of this expression of interest may be obtained from the offices of the Malta Communications Authority, 'Valletta Waterfront', Pinto Wharf, Floriana, or downloaded from the MCA website: (www.mca.org.mt).

For further information interested organisations are invited to contact the Project Awareness and Training Coordinator via email on: (irene.dillon@mca.org.mt).

10th January, 2014

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti, Ministeru għas-Saħħa) jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-offerti li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, is-17 ta' Jannar, 2014. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFQ 5028/14. *Betaxolol 0.25%* qtar tal-għajnejn
CFQ 5031/14. *Podophllotoxin 0.15% cream*
CFQ 5033/14. *Ligasure Impact for Force Triad Energy platform*
CFQ 5034/14. *Hemochron Blood Co-Agulation Test Tubes*
CFQ 5035/14. *120mL Sterile Containers*
CFQ 5036/14. *10mL Plastic Pipettes*
CFQ 5037/14. *Naltrexone 50mg Tablets*
CFQ 5038/14. *Trifluoperazine 1mg Tablets*
CFQ 5044/14. *Bumetanide 1mg tablets*
CFQ 5045/14. *Digoxin 0.0625mg tablets*
CFQ 5046/14. *Phenoxybenzamine HCL 10mg caps*
CFQ 5051/14. *Captopril 25mg tablets*
CFQ 5052/14. *Lisinopril 5mg tablets*

Id-dokumenti ta' dawn il-kwotazzjonijiet jinkisbu mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-offerti li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, l-24 ta' Jannar, 2014. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFQ 5029/14. *Plastic Incubation Trays*
CFQ 5030/14. *CMV Avidity EIA Kits*
CFQ 5032/14. *Freezing of Antigens and I-Negative Cell*
CFQ 5039/14. *Female Penine urine catheters size 12*
CFQ 5040/14. *Rusch Riplex Jacques nelaton catheters size 12*
CFQ 5041/14. *Coloplast Speedicath compact size 12 catheters*
CFQ 5042/14. *Urosystem® urine drainage bags 2000ml*
CFQ 5043/14. *Doxazocin 4mg tablets*
CFQ 5047/14. *Propranolol Hydrochloride 10mg caps*
CFQ 5048/14. *Dipyridamole 100mg tablets*
CFQ 5049/14. *Glyceryl Trinitrate 50mg injections*
CFQ 5050/14. *Epoprostenol 500mcg injections*
CFQ 5053/14. *Verapamil Hydrochloride 5mg injections*
CFQ 5054/14. *Spironolactone 100mg tablets*
CFQ 5055/14. *Metoprolol Tartrate 50mg tablets*
CFQ 5056/14. *Polidocanol 60mg injections*

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that:-

Electronic quotations in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 17th January 2014. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFQ 5028/14. Betaxolol 0.25% eye drops
CFQ 5031/14. Podophllotoxin 0.15% cream
CFQ 5033/14. Ligasure Impact for Force Triad Energy platform
CFQ 5034/14. Hemochron Blood Co-Agulation Test Tubes
CFQ 5035/14. 120mL Sterile Containers
CFQ 5036/14. 10mL Plastic Pipettes
CFQ 5037/14. Naltrexone 50mg Tablets
CFQ 5038/14. Trifluoperazine 1mg Tablets
CFQ 5044/14. Bumetanide 1mg tablets
CFQ 5045/14. Digoxin 0.0625mg tablets
CFQ 5046/14. Phenoxybenzamine HCL 10mg caps
CFQ 5051/14. Captopril 25mg tablets
CFQ 5052/14. Lisinopril 5mg tablets

These quotation documents are free of charge.

Electronic quotations in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 24th January, 2014. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFQ 5029/14. Plastic Incubation Trays
CFQ 5030/14. CMV Avidity EIA Kits
CFQ 5032/14. Freezing of Antigens and I-Negative Cell
CFQ 5039/14. Female Penine urine catheters size 12
CFQ 5040/14. Rusch Riplex Jacques nelaton catheters size 12
CFQ 5041/14. Coloplast Speedicath compact size 12 catheters
CFQ 5042/14. Urosystem® urine drainage bags 2000ml
CFQ 5043/14. Doxazocin 4mg tablets
CFQ 5047/14. Propranolol Hydrochloride 10mg caps
CFQ 5048/14. Dipyridamole 100mg tablets
CFQ 5049/14. Glyceryl Trinitrate 50mg injections
CFQ 5050/14. Epoprostenol 500mcg injections
CFQ 5053/14. Verapamil Hydrochloride 5mg injections
CFQ 5054/14. Spironolactone 100mg tablets
CFQ 5055/14. Metoprolol Tartrate 50mg tablets
CFQ 5056/14. Polidocanol 60mg injections

Id-dokumenti ta' dawn il-kwotazzjonijiet jinkisbu mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System*: (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex tkun tista' tintuża l-*website*: Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-*e-Id* tal-Organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din il-*website*. Aktar tagħrif jinkiseb mill-*FAQ Section* tal-istess *website*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-kwotazzjonijiet fil-ħinijiet u d-data msemmija hawn fuq.

L-10 ta' Jannar, 2014

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Provvisti, Ministeru għas-Saħħa) jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-offerti li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, is-17 ta' Frar, 2014. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għal:

CPSU/CPU/No 3005/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Rabies Vaccine*

CPSU/CPU/No 3006/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Cholera Oral Vaccine*

CPSU/CPU/No 3007/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Doxapram 20mg/ml Injections*

CPSU/CPU/No 3008/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Disposable electro-surgery suction/irrigation device*

CPSU/CPU/No 3009/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Haloperidol 1.5mg Tablets*

CPSU/CPU/No 3010/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Therapeutic Apheresis Kits*

CPSU/CPU/No 3011/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Neuro Blades for Craniotome 3M*

CPSU/CPU/No 3012/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Linear Cutter 102mm long and Loading units*

CPSU/CPU/No 3013/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *PH/Blood Gas Analyser*

CPSU/CPU/No 3014/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Risperidone 1mg Tablets*

Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Risperidone 2mg Tablets*

CPSU/CPU/No 3015/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Peripheral long line catheters size 26G and 28G*

These quotation documents are free of charge.

Quotation documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of quotations at the time and dates specified above.

10th January, 2014

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that:-

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Monday, 17th February 2014. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CPSU/CPU/No 3005/14. Framework Contract for the Supply of Rabies Vaccine

CPSU/CPU/No 3006/14. Framework Contract for the Supply of Cholera Oral Vaccine

CPSU/CPU/No 3007/14. Framework Contract for the Supply of Doxapram 20mg/ml Injections

CPSU/CPU/No 3008/14. Framework Contract for the supply of Disposable electro-surgery suction/irrigation device

CPSU/CPU/No 3009/14. Framework Contract for the Supply of Haloperidol 1.5mg Tablets

CPSU/CPU/No 3010/14. Framework Contract for the Supply of Therapeutic Apheresis Kits

CPSU/CPU/No 3011/14. Framework Contract for the Supply of Neuro Blades for Craniotome 3M

CPSU/CPU/No 3012/14. Framework Contract for the supply of Linear Cutter 102mm long and Loading units

CPSU/CPU/No 3013/14. Framework Contract for the supply of PH/Blood Gas Analyser

CPSU/CPU/No 3014/14. Framework Contract for the Supply of Risperidone 1mg Tablets

Framework Contract for the Supply of Risperidone 2mg Tablets

CPSU/CPU/No 3015/14. Framework Contract for the Supply of Peripheral long line catheters size 26G and 28G

CPSU/CPU/No 3016/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *5-Hydroxy L-Tryptophan 100mg capsules*

CPSU/CPU/No 3017/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Thalidomide 50mg capsules*

CPSU/CPU/No 3018/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Phenytoin Sodium 250mg Injections*

Id-dokumenti ta' dawn l-offerti jinkisbu mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System* (www.etenders.gov.mt). Irreġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex tkun tista' tintuża l-*website*: Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-*e-Id* tal-Organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din il-*website*. Aktar tagħrif jinkiseb mill-*FAQ Section* tal-istess *website*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-data msemmija hawn fuq.

L-10 ta' Jannar, 2014

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti, Ministeru għas-Saħħa) jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-offerti li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, is-6 ta' Frar, 2014. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CPSU/MDH/1002/2014. *Stress ECG*

CPSU/MDH/1003/2014. *Pulse Oxymeter ECG Pump*

CPSU/MDH/1004/2014. *Echo Couch with Ergometer*

CPSU/MDH/1005/2014. *Defibrillator with ECG Monitor and Crash Cart*

Id-dokumenti ta' dawn l-offerti jinkisbu mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System* (www.etenders.gov.mt). Irreġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex tkun tista' tintuża l-*website*: Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-*e-Id* tal-Organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din il-*website*. Aktar tagħrif jinkiseb mill-*FAQ Section* tal-istess *website*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-data msemmija hawn fuq.

L-10 ta' Jannar, 2014

CPSU/CPU/No 3016/14. Framework Contract for the Supply of 5-Hydroxy L-Tryptophan 100mg capsules

CPSU/CPU/No 3017/14. Framework Contract for the Supply Thalidomide 50mg capsules

CPSU/CPU/No 3018/14. Framework Contract for the Supply of Phenytoin Sodium 250mg Injections

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

10th January, 2014

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that:-

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Thursday, 6th February 2014. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CPSU/MDH/1002/2014. Stress ECG

CPSU/MDH/1003/2014. Pulse Oxymeter ECG Pump

CPSU/MDH/1004/2014. Echo Couch with Ergometer

CPSU/MDH/1005/2014. Defibrillator with ECG Monitor and Crash Cart

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

10th January, 2014

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:-

Sas-1.00 p.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Frar, 2014 jilqa' offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 01/2014. Żamma u manutenzjoni ta' żewġ latrini pubbliċi.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull dokument tal-offerta.

L-offerti kollha għandhom jitwasslu bl-idejn u jintefgħu f'envelop magħluq. Aktar tagħrif u dokumenti dwar l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke li jinsab fi Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju. L-offerti kollha jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat tal-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Pembroke iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha, anki l-aktar waħda vantaġġuża.

L-10 ta' Jannar, 2014

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 1.00 p.m. of Wednesday, 12th February, 2014 for:-

Advt. No. 01/2014. Upkeep and maintenance of two public conveniences.

A fee of €50 should be paid for each copy of tender document.

All tenders are to be submitted and deposited by hand in sealed envelopes. Further information and forms/ documentations may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Triq Alamein, Pembroke, during office hours. Tenders will be opened in public after the closing time stipulated.

The Pembroke Local Council reserves the right to reject any offer or part there of, even the most advantageous.

10th January, 2014

KUNSILL LOKALI IL-GUDJA

Il-Kunsill Lokali Il-Gudja jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Frar, 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. GLC 08/2013. Servizz ta' *open skips*.

Għandu jitħallas dritt ta' €45.00 għal kull dokument tal-offerta.

Il-kuntratti huma għal perjodu ta' sena imma l-Kunsill biss għandu d-diskrezzjoni li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sentejn oħra bl-istess rati u kundizzjonijiet tal-offerti.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin tal-għeluq u l-ebda dokumenti jew offerti oħra ma jiġu aċċettati wara l-ħin stipulat. Offerti magħluqin immarkati bin-numru ta' referenza relattiv, għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti apposta, li tinsab fl-Uffiċċji tal-Kunsill, qabel il-ħin tal-għeluq. Għandhom jiġu osservati ir-regolamenti tal-Green Public Procurement (GPP).

Il-Kunsill Lokali mhux marbut li jaċċetta l-orħos jew kull kwotazzjoni li jirċievi.

L-10 ta' Jannar, 2014

GUDJA LOCAL COUNCIL

The Gudja Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administration Office by not later than noon of Friday, 14th February, 2014, for:-

Advt. No. GLC 08/2013. Open skips service.

A fee of €45.00 is to be paid for each copy of tender document.

The contracts are for a period of one year but the Council has the sole discretion to renew this contract for an additional two years at the same rates and conditions of tenders.

Tenders will be opened in public after the closing time and no other documents or tenders will be accepted after the stipulated time. Sealed tenders marked with the relative reference number should be deposited in the appropriate tender box, provided at the Council's Offices, before closing time. The Green Public Procurement (GPP) regulations are to be observed.

The Local Council is not bound to accept the lowest or any tender received.

10th January, 2014

KUNSILL LOKALI ĦAL TARXIEN

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Frar, 2014 fil-kaxxa tal-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin immarkati bin-numru relevanti, għal:-

Avviż Nru. TLC 001/2014. Tindif, ftuħ u għeluq ta' latrini.

Id-dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill bi ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin tal-għeluq u l-ebda dokumenti oħra jew offerti ma jiġu aċċettati wara l-ħin stipulat.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

L-10 ta' Jannar, 2014

KUNSILL LOKALI L-GĦASRI

Il-Kunsill Lokali L-Għasri jgħarraf illi:-

Sal-11.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Frar, 2014, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 2014-01. Għotja ta' servizzi lill-Kunsill.

Dokumenti tal-offerta jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

Għandu jitħallas dritt ta' €35.00 għal kull dokument tal-offerta.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku mad-data u l-ħin tal-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-10 ta' Jannar, 2014

KUNSILL LOKALI IS-SIĠĠIEWI

Il-Kunsill Lokali Is-Siġġiewi jgħarraf illi d-data tal-għeluq tal-offerta:

LCS 1/14. Xogħlijiet ta' titjib ta' mogħdijiet fl-inħawi madwar is-Salib tal-Għolja, is-Siġġiewi

ġiet estiża sas-7 ta' Frar, 2014, mill-24 ta' Jannar, 2014.

L-10 ta' Jannar, 2014

ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL

The Ħal Tarxien Local Council notifies that:-

Sealed tenders marked with the relevant reference number, should be deposited in the appropriate tender box at the Council's Administrative Offices by not later than noon of Friday, 7th February, 2014, for:-

Advt. No. TLC 001/2014. Cleaning, opening and closing of public conveniences.

The relevant documents may be obtained from the Council's Administrative Office against a fee of €50 for each copy of tender document.

Tenders will be opened in public after the closing time and no other documents or tenders will be accepted after the stipulated time.

The Local Council reserves the right to accept or reject even the most advantageous offer.

10th January, 2014

L-GĦASRI LOCAL COUNCIL

L-Għasri Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received by not later than 11.30 a.m. of Friday, 14th February, 2014, for:-

Advt. No. 2014-01. Rendering of services to the Council.

Tender documents are available from the Local Council Office.

A fee of €35.00 is to be paid for each copy of tender document.

The tenders will be opened in public at the date and time of the closing date.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

10th January, 2014

SIĠĠIEWI LOCAL COUNCIL

The Siġġiewi Local Council notifies that the closing date for tender:

LCS 1/14. Upgrading works of passageways and area surrounding Laferla Cross, Siġġiewi

has been extended to 7th February, 2014, from 24th January, 2014.

10th January, 2014

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Frar, 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. ZGLC 01/2014. Servizzi ta' *contracts manager*.

Għandu jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Id-dokumenti tal-offerta u aktar tagħrif jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ,Triq il-Knisja, Żebbuġ. L-offerti jinfetħu fil-ħin ta' meta jistgħu jintbagħtu l-offerti fil-preżenza tal-pubbliku.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-10 ta' Jannar, 2014

ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

The Żebbuġ Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administration Office by not later than noon of Wednesday, 12th February, 2014, for:-

Advt. No. ZGLC 01/2014. Services of a contracts manager.

A fee of €25.00 is to be paid for each copy of tender document.

Tender documents and further information may be obtained from the Żebbuġ Local Council Administrative Office at Triq il-Knisja, Żebbuġ. Offers will be opened at the time of the closing date in the presence of the public.

The Council reserves the right to reject any offer, even the most advantegeous.

10th January, 2014

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

29

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-21 ta' Ottubru, 2013 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C 24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, ippreżentaw Talba fit-3 ta' Ġunju, 2013 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Saviour Mizzi (KI 307075M), ta' 5, Orchidea, Triq Giovanni Maria Borg, Żurrieq, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,224.37 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 334/13KPS) hija differita għat-13 ta' Jannar, 2014 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Jannar, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal, of the 21st October, 2013 the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C 24655) of Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, filed a Claim on the 3rd June, 2013 whereby they asked the Tribunal to condemn Saviour Mizzi (ID 307075M), of 5, Orchidea, Triq Giovanni Maria Borg, Żurrieq, to pay the plaintiff company the sum of €1,224.37 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 334/13KPS) is put off on the 13th January, 2014 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th January, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

30

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-21 ta' Ottubru, 2013 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C 24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, ippreżentaw Talba fis-6 ta' Mejju, 2013 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Cristian Rafael Covaci (KI 66037A), ta' 24, Joelda, Triq in-Nemes, is-Swieqi, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,420.61 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 281/13KPS) hija differita għat-13 ta' Jannar, 2014 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Jannar, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal, of the 21st October, 2013 the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C 24655) of Fra Diego Street, Marsa, MRS 1501, filed a Claim on the 6th May, 2013 whereby they asked the Tribunal to condemn Cristian Rafael Covaci (ID 66037A), of 24, Joelda, Triq in-Nemes, is-Swieqi, to pay the plaintiff company the sum of €2,420.61 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 281/13KPS) is put off on the 13th January, 2014 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th January, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

31

B'digriet mogħti fid-29 ta' Ottubru, 2013 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Cassar Mary sive Marielle vs Cassar Edward, rikors numru 420/07 JA, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata a tenur tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Rikors Ġuramentat 420/07 JA, fl-ismijiet Mary sive Marielle Cassar (KI 175156M) vs Edward Cassar (KI 213353M) fit-12 ta' Lulju, 2013 ir-rikorrenti Edward Cassar espona bir-rispett;

Illi permezz ta' digriet datat 21 ta' Frar, tas-sena elfejn u tmienja (2008), din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-intimat (esponenti) iħallas manteniment ta' €680 fix-xahar lill-attriċi Mary, sive Marielle Cassar.

Illi sussegwentement permezz ta' digriet datat 9 ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), stante bdil fiċ-ċirkostanzi, din l-Onorabbli Qorti ssospendiet l-obbligu tal-manteniment.

Illi wara rikors ta' Mary sive Marielle Cassar permezz ta' digriet tas-27 ta' Jannar, 2012 minkejja li ma kienu jeżistu ebda fatti jew ċirkostanzi ġodda li avverraw irwieħhom wara l-għoti tad-digriet preċedenti, din il-Qorti ordnat lill-

By means of a decree given on the 29th October, 2013 by the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application, in the names Cassar Mary sive Marielle vs Cassar Edward, application number 420/07 JA, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187 (3) of Cap. 12.

By means of an application filed in the Civil Court (Family Section), Sworn Application 420/07 JA, in the names Mary sive Marielle Cassar (ID 175156M) vs Edward Cassar (ID 213353M), on the 12th July, 2013 the applicant Edward Cassar respectfully pleaded:

That by means of a decree dated 21st February, of the year two thousand and eight (2008), this Honourable Court ordered the respondent (applicant) to pay maintenance of €680 monthly to the plaintiff Mary sive Marielle Cassar.

That subsequently by means of a decree dated 9th May of the year two thousand and eleven (2011) due to a change of circumstances, this Honourable Court suspended the obligation of maintenance.

That following an application of Mary, sive Marielle Cassar by means of a decree of the 27th January, 2012 despite that there existed no facts or there occurred no new circumstances after the granting of the preceeding decree,

esponenti jerġa' jibda jivversa manteniment mensili lil martu b'effett mill-ewwel ta' Mejju, tas-sena elfejn u tnax (2012).

Illi konsegwentement ir-rikorrenti qed jitlob li jiġi varjat u/jew revokat id-digriet mogħti fil-21 ta' Frar, 2008 u dan għar-raġunijiet segwenti:

(1) Illi l-esponenti ma għandux mezzi finanzjarji sabiex iħallas il-manteniment.

(a) Ma hux qed jipperċepixxi paga u/jew rimunerazzjoni.

.....omissis.....

(b) Problemi ta' Saħħa.

.....omissis.....

(2) Illi mart l-esponenti ossia Mary, sive Marielle Cassar għandha formazzjoni edukattiva sabiex issib impjieg diċenti.

.....omissis.....

(3) Illi mart l-esponenti mhux biss kapaċi taħdem iżda saħansitra tgawdi minn fondi u mezzi finanzjarji li jistgħu jagħmlu tajjeb għall-għixien tagħha.

.....omissis.....

(4) Illi l-esponenti jinsabu f'dawn il-proċeduri wara li martu rrendiet ruħha ħatja għas-separazzjoni u konsegwentement saret ukoll il-kontrotalba għas-separazzjoni.

.....omissis.....

(5) Il-Liġi u l-Ġurisprudenza.

Illi wara l-emendi li seħħew fil-ligi l-obbligu tal-manteniment bejn il-miżżewġin jinkombi fuqhom ugwalment.

.....omissis.....

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

(1) Tirrevoka a contrario imperio d-digriet tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar, 2008 u b' hekk tirrilaxxjah mill-obbligu impost fuqu bl-istess digriet li jmantni lil martu Mary, sive Marielle Cassar.

this Court ordered the applicant to start paying monthly maintenance to his wife with effect from the first of May of the year two thousand and twelve (2012).

That consequently the applicant is asking that there be varied, and/or revoked the decree of the 21st February, 2008 and this for the following reasons:

(1) That the applicant does not have financial means to pay the maintenance.

(a) He is not receiving any wages and/or renumeration.

.....omissis.....

(b) Health Problems.

.....omissis.....

(2) That the applicant's wife or rather Mary, sive Marielle Cassar has an educational formation which enables her to find a decent job.

.....omissis.....

(3) That the applicant's wife is not only capable to work but enjoys resources and financial means which can provide for her living.

.....omissis.....

(4) That the parties found themselves in these procedures after his wife rendered herself guilty for the separation and consequently the counter claim for separation was made.

.....omissis.....

(5) The Law and Jurisprudence.

That following amendments in the law the duty to provide maintenance falls on the spouses equally.

.....omissis.....

Thus the applicants respectfully ask this Honourable Court so that:

(1) It revokes a contrario imperio the decree of the twenty first (21st) of February, 2008 and thus release him from the duty imposed by the same decree to maintain his wife Mary, sive Marielle Cassar.

(2) F'każ li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-Ewwel talba, tissospendi l-obbligu tal-manteniment in vista taċ-ċirkostanzi u fatti fuq esposti u possibbilment sa minn Mejju 2012.

(3) F'każ li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel jew it-tieni talba tirriduċi l-manteniment dovut lil Marielle Cassar f'ammont li jirrispekkja n-nuqqas ta' introjtu tal-esponenti u d-dħul u l-assi tal-intimata Marielle Cassar ai termini tal-liġi.

Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna.

Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

Onor. Imħallef Joseph Azzopardi LL.D.

Rikors Ġuramentat Numru 420/07 JA.

Mary sive Marielle Cassar vs Edward Cassar.

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Edward Cassar tat-12 ta' Lulju, 2013.

Tordna li jkun notifikat lill-kontroparti illi jkollha sitt ijiem utili biex tirrispondi.

Illum 15 ta' Lulju, 2013.

Rikorrenti: Pezul Lodge, Wardija Hill, Wardija.

Intimata: Garden Valley, Flat 4, Triq il-Pulzier, Tal-Ibraġġ.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 6 ta' Jannar, 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

(2) In case that this Honourable Court does not uphold the First demand suspend the duty of maintenance in view of the circumstances and facts above exposed and possibily since May 2012.

(3) In case that this Honourable Court does not uphold the first and second demand reduce the maintenance due to Marielle Cassar to an amount which reflects the lack of income of the applicant and the income and assets of the respondent Marielle Cassar in terms of law.

Saving any other provision this Court deems fit to impose.

Civil Court (Family Section).

Hon Mr. Justice Joseph Azzopardi LL.D.

Sworn Application Number 420/07 JA.

Mary sive Marielle Cassar vs Edward Cassar.

The Court

Having seen the application of Edward Cassar, of the 12th July 2013.

Orders that the respondent be notified and is to file a reply within six working days.

Today 15th July, 2013.

Applicant: Pezul Lodge, Wardija Hill, Wardija.

Respondents: Garden Valley, Flat 4, Triq il-Pulzier, Tal-Ibraġġ.

Registry of the Civil Court (Family Section), today 6th January, 2014.

ADV. FRANK PORTELLI LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

32

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fid-19 ta' Diċembru, 2013 fuq rikors ta' Mark Gaffarena et, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 13 ta' Frar, 2014 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fondi hawn taħt deskritti:

1. Sebgħa minn erbgħa u għoxrin (7/24) sehem indiviż tal-fond numru ħamsa u ħamsin (55), fi Triq iż-Żonqor, Marsaskala, konċess lil terzi b'titolu ta' kera, mill-bqija

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 19th December, 2013 on the application of Mark Gaffarena et, of Thursday, 13th February, 2014 at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction to be held on the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta, of the following property:

1. Seven out of twenty four (7/24) undivided share of the tenement number fifty five (55), in Triq iż-Żonqor, Marsaskala, granted to third parties by title of lease,

liberu u frank, liema sehem huwa stmat li jiswa tnax-il elf Ewro (€12,000).

2. Sebgħa minn erbgħa u għoxrin (7/24) sehem indiviż tal-fondi adjaċenti numru mija u erbgħa u erbgħin (144), mija u ħamsa u erbgħin (145) u mija u sitta u erbgħin (146), fi Triq San Ġużepp, Ħal Tarxien, liema proprjetà hija libera u franka, u liema sehem huwa stmat li jiswa ħamsa u tmenin elf Ewro (€85,000).

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' Louis Conti għannom u in rappreżentanza ta' Erminia Conti.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta 58/10.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 6 ta' Jannar, 2014.

BRUNO ZAHRA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

otherwise free and unencumbered, which share is valued at twelve thousand Euro (€12,000).

2. Seven out of twenty four (7/24) undivided share of the adjacent tenements number one hundred and forty four (144), one hundred and forty five (145) and one hundred and forty six (146), in Triq San Ġużepp, Ħal Tarxien, which property is free and unencumbered, and which share is valued at eighty five thousand Euro (€85,000).

The said tenements are the property of Louis Conti on behalf of Erminia Conti.

N.B. The said tenements will be sold as described in the acts of file number 58/10.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 6th January, 2014.

BRUNO ZAHRA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

33

Bandu għall-Kuraturi.

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-22 ta' Novembru, 2013 fuq talba ta' Marcella Giannakoudakis, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Andreas Giannakoudakis, fl-atti tar-Rikors tad-Divorzju 571/13 AL, fl-ismijiet 'Marcella Giannakoudakis vs Kuraturi Deputati', u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fl-ismijiet Marcella Giannakoudakis (KI 509356M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Andreas Giannakoudakis, fid-19 ta' Novembru, 2013 ir-rikorrenti Marcella Giannakoudakis talbet lil din l-Onorabbli Qorti in vista ta' dak premess fir-rikors:

Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Rikorrenti: Leo, No. 7, Triq il-Ġnien, Ħaż-Żabbar.

Notifika: Gazzetta tal-Gvern.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min jrid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt

Bann for Curators.

Republic of Malta.

To The Marshall of the Court.

By means of a decree by this Court on the 22nd November, 2013 following a request of Marcella Giannakoudakis, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Andreas Giannakoudakis, in the records of the Divorce Application 571/13 AL, in the names 'Marcella Giannakoudakis vs Deputy Curators', and in the relative and subsequent acts.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Marcella Giannakoudakis (ID 509356M) vs Deputy Curators to represent Andreas Giannakoudakis, on the 19th November, 2013 the applicant Marcella Giannakoudakis asked this Honourable Court in view of that premsed in the application:

To pronounce the dissolution of the marriage between the parties, and uphold the other demands in the application.

Applicant: Leo, No. 7, Triq il-Ġnien, Ħaż-Żabbar.

Service: Government Gazette.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court, and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this

ijiem f'dan ir-Reġistru, u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lino Farrugia Sacco LL.D. Duttur tal-Liġi.

Illum 12 ta' Diċembru, 2013.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 7 ta' Jannar, 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section) above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Lino Farrugia Sacco LL.D. Doctor of Laws.

Today 12th December, 2013.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 7th January, 2014.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

34

Bandu għall-Kuraturi.

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti.

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-2 ta' Novembru, 2010 fuq talba ta' JMA Limited u C.G. Limited ġa M.O.S. Limited, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu u kontestwali fidi ta' ċens, fl-ismijiet JMA Limited u C.G. Limited, ġa M.O.S. Limited vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ippreżentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet JMA Limited (C 10547) u C.G. Limited (C 16155) ġa M.O.S. Limited vs maħtura Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sid jew sidien mhux magħrufa tad-dirett dominju perpetwu, fit-22 ta' Ottubru, 2010 is-soċjetà JMA Limited (C 10547) u C.G. Limited (C 16155) ġa M.O.S. Limited esponiet bir-rispett:

Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tad-dar in parti sovrapposta għall-fond numru 29, numerata 25 u 27 fi Triq Gafà, Ħamrun, li għandha bieb ieħor numru 77, ġa 36, fi Triq Eldorado, Ħamrun, kif soġġetta għal Ewro 3.67 ċens annwu u perpetwu dovuti kwanti għal Ewro 3.20 fuq il-fondi 25 u 27, Triq Gafà, u Ewro 0.46 fuq il-fond fi Triq Eldorado.

Bann for Curators.

Republic of Malta.

To The Marshall of the Court.

By means of a decree by this Court, on the 2nd November, 2010 following a request of JMA Limited and C.G. Limited previously M.O.S. Limited, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the unknown owners in the records of the Schedule of deposit and contextual redemption of groundrent in the names JMA Limited and C. G. Limited previously M.O.S. Limited vs Deputy Curators, and in the relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of deposit and contextual redemption of groundrent filed in the First Hall Civil Court, in the names JMA Limited (C 10547) and C.G. Limited (C 16155) previously M.O.S. Limited vs Deputy Curators appointed to represent the unknown owner or owners of the perpetual directuum dominium, on the 22nd October, 2010 the company JMA Limited (C 10547) and C.G. Limited (C 16155) previously M.O.S. Limited respectfully pleaded:

That the interpellants are the owners of the house in part overlying the premises number 29, numbered 25 and 27 in Triq Gafà, Ħamrun, which has another door number 77, previously 36, in Triq Eldorado, Ħamrun, as subject to Euro 3.67 annual and perpetual groundrent due as for Euro 3.20 on the premises 25 and 27, Triq Gafà , and Euro 0.46 on the premises in Triq Eldorado.

Illi l-esponenti kien akkwista din il-proprjetà bis-saħħa ta' żewġ kuntratti, wieħed fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Spiteri, datat 11 ta' Novembru, 1999 u ieħor fl-atti tan-Nutar Dr Robert John Muscat, datat 30 ta' Lulju, 2001.

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakoltà mogħtija lilhom bl-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, u jifdu dan l-imsemmi ċens kif stipulat fl-istess liġi.

Illi s-somma ta' Ewros 3.67 kapitalizzata bir-rata ta' 5% tammonta għal Ewro 73.40, oltre dan l-esponenti jridu jħallsu l-arretrati taċ-ċens dovut, u dan b'effett mid-data ta' l-ewwel akkwist, u cioé mill-11 ta' Novembru, 1999 ammontanti għal Ewro 40.37, u għaldaqstant sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà, l-esponenti qed jiddepożitaw l-imsemmija somom ta' Ewro 73.40 u Ewro 40.37, rappreżentanti fidi ta' ċens u arretrati ta' ċens sabiex dawn is-somom jiġu liberament żbankati mill-intimat wara li titħalla d-debita riċevuta.

Esponenti: Pemix House, Eucharistic Congress Road, Mosta.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta (2 kopji).

Kuraturi Deputati, Il-Qorti, Il-Belt Valletta.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru, u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lino Farrugia Sacco LL.D. Duttur tal-Liġi.

Illum 2 ta'Novembru, 2010.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Jannar, 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

That the interpellants had acquired this property in virtue of two contracts in the records of Notary Dr Tonio Spiteri, dated 11th November, 1999 and another in the records of Notary Dr Robert John Muscat, dated 30th July, 2001.

That the interpellants wish to avail themselves of the faculty given to them in virtue of Article 1501 of the Civil Code, and redeem the said groundrent as stipulated in the same law.

That the sum of Euros 3.67 capitalised at the rate of 5% amounts to Euro 73.40, besides this the interpellants want to pay the arrears of groundrent due, and this with effect from the date of the first acquistion, and namely from the 11th November, 1999 amounting to Euro 40.37, and thus to exempt themselves from every responsibility, the interpellants are depositing the said sums of Euro 73.40 and Euro 40.37, representing redemption of groundrent and arrears of groundrent so that these sums be freely withdrawn after the receipt is left.

Interpellant: Pemix House, Eucharistic Congress Road, Mosta.

Notify: Director Public Registry, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta (2 copies).

Deputy Curators, Courts of Justice, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court, and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Lino Farrugia Sacco LL.D. Doctor of Laws.

Today 2nd November, 2010.

Registry of the Superior Courts, today 7th January, 2014.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

35

Bandu għall-Kuraturi.

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti.

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-8 ta' Marzu, 2012 fuq talba ta' Micallef Marble Works, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien injoti fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu u fidi ta' ċens, fl-ismijiet Micallef Marble Works vs Kuraturi Deputati, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

